Nru./No. 21,555
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 15 ta' Diċembru, 2025
Monday, 15th December, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 16,415
Government Notices *16,415*

Avviżi tal-Gvern ..... 16,415 - 16,416
Notices ..... *16,415 - 16,416*

Avviżi tal-Qorti 16,416- 16,418
Court Notices *16,416- 16,418*

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 1971

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordnat illi l-Onor. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar it-Tnejn, 15 ta' Diċembru, 2025, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

It-12 ta' Diċembru, 2025
(OPM/19/2022)

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Il-Ħamrun.

J. GALEA
A/Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-15 ta' Diċembru, 2025

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, nhar it-Tlieta, 16, l-Erbgħa, 17 u l-Ħamis, 18 ta' Diċembru, 2025 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Il-Ħamrun.

Il-kandidati jistgħu jissottomettu n-nomina tagħhom onlajn permezz tal-link (https://electoral.gov.mt/nominations) mill-10.00 a.m. tat-Tlieta, 16, ta' Diċembru, 2025 sa nofsinhar tal-Ħamis, 18 ta' Diċembru, 2025 (ħin ta' Malta).

GOVERNMENT NOTICE

No. 1971

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Minister for Culture, Lands and Local Government, assumes the additional duties of Prime Minister, on Monday, 15th December, 2025, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

12th December, 2025

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Il-Ħamrun.

J. GALEA
A/Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

15th December, 2025

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, on Tuesday 16th, Wednesday, 17th and Thursday, 18th December, 2025 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Il-Ħamrun.

Candidates may submit their nomination online through the link: (https://electoral.gov.mt/nominations) from 10.00 a.m. of Tuesday 16th December, 2025 till noon of Thursday, 18th December, 2025 (Malta time).

Il-kandidati prospettivi huma avżati li jridu jippreżentaw il-Karta tal-Identità tagħhom. F'każ li l-formola tan-nomina se tiġi ppreżentata mir-rappreżentant tal-kandidat minħabba raġuni ta' mard u safar, ir-rappreżentant għandu jissottometti prokura mill-kandidat li tkun speċifika għal dan il-għan u awtentikata minn Nutar Pubbliku. Ma' kull nomina għandu jsir depożitu ta' €90.

Il-Kummissjoni Elettorali tavża wkoll li se tkun qed tivverifika l-validità tal-kandidatura/i sottomessi nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru, 2025 sa nofsinhar.

J. GALEA
A/Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Il-15 ta' Diċembru, 2025

Prospective candidates are advised that they must present their Identity Card. In case of illness or being abroad, the nomination form needs to be submitted by a representative of the candidate. The representative must present a power of attorney drawn up exclusively for the purpose and authenticated by a Notary Public. A deposit of €90 is applicable with every nomination.

The Electoral Commission also notifies that it will verify the validity of the submitted candidature/s on Friday, 19th December, 2025 till noon.

J. GALEA
A/Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

15th December, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

3095

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Ottubru, 2025 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3404/2025, fl-ismijiet Paul Borg vs Damon Turner, ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Damon Turner a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 25 ta' Lulju, 2025

Lil Damon Turner (KI 0157995M) ta' 33, Flat 2, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan.

Permezz tal-preżenti, Paul Borg (KI 201483M) jirrespinġi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt il-pretensjonijiet miġjuba minnek fl-ittra ufficjali bin-numru 2923/25 magħmula f'din il-Qorti fis-26 ta' Ġunju, 2025.

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti ċertament mhuwiex il-leġittimu kuntradittur tat-talbiet u l-lanzjani mressqa fl-ittra tiegħek u ma jistax jersaq għall-interpellazzjonijiet magħmula minnek stante hu personalment qatt u fl-ebda mument ma kkuntratta l-ebda obbligazzjoni jew daħal fl-ebda relazzjoni miegħek u b'hekk ma' kien hemm ebda relazzjoni sija kuntrattwali jew mod ieħor miegħek.

Illi fit-tieni lok u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, rigward il-lanjanzi tiegħek jirriżulta illi ġa hemm mandat ta' sekwestru numru 556/2025 – Turner Damon vs

By means of a decree of the 17th October, 2025 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3404/2025, in the names Paul Borg vs Damon Turner, the following publication for the purpose of service on the respondent Damon Turner was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 25th July, 2025

To Damon Turner (ID 0157995M) of 33, Flat 2, Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan.

By the present Paul Borg (ID 201483M) dismisses as unfounded in fact and at law the claims brought forward by you in the judicial letter number 2923/25 made in this Court on the 26th June, 2025.

Firstly, the applicant is certainly non-suited with respect to the demands and complaints brought forward in your letter and cannot come forward to the calls made by you since he personally never and at no moment did he contract any obligation or enter into any relationship with you and thus there was no relationship either contractual or otherwise with you.

Secondly and always without prejudice to the above, regarding your complaints it results that there is already a Garnishee order number 556/2025 – Turner Damon vs T8R

T8R Limited magħmula u akkordat f'din il-Qorti fl-4 ta' April, 2025.

Illi fit-tielet lok u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti qiegħed jirrifjuta kategorikament il-pretensjoni li l-imġiba tiegħu kienet abbużiva, illegali u ta' preġudizzju, għaliex huwa dejjem aġixxa f'isem il-kumpanija li kien jirrappreżenta skont il-mandat mogħti lilu mill-azzjonist tal-istess kumpanija u bl-ebda interess sabiex jagħmillek ħsara lilek personalment. Tant hu hekk illi fl-ittra tiegħek stess tiddikajra li l-kumpanija imsemmija ħallset is-somma ta' €1000 fl-istess żmien illi intvolajat il-mandat surreferit.

Illi fir-raba' lok u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti qiegħed jikkontendi illi l-artikolu 315 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif ċitat minnek ma jistax jigi użat fil-konfront tiegħu u dan għaliex is-soċjetà ċitata fl-ittra tiegħek mhux għaddejja minn l-ebda proċeduri ta' stralċ u dan l-artikolu ma huwa xejn relevanti għaċ-ċirkostanzi odjerni.

Għaldaqstant u filwaqt li l-esponenti jirriżerva d-drittijiet kollha tiegħu skont il-liġi, għar-raġunijiet suesposti jew liema minnhom, jiddiffidak milli tipproċedi ulterjorment kontrih kif avżat fl-ittra uffiċjali tiegħek li għaliha qiegħda ssir din it-twegiba.

Tant biex tkun avżat u tagħraf timxi u tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum, 12 ta' Diċembru 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Limited made and granted by this Court on the 4th April 2025.

Thirdly and always without prejudice to the above, the interpellant is categorically rejecting the claim that his behaviour was abusive, illegal and prejudicial, because he always acted in the name of the company he represented according to the mandate given to him by the shareholder of the same company and with no interest to harm you personally. So much so that in your own letter you declare that the said company paid the sum of €1,000 at the same time that the warrant above mentioned was filed.

Fourthly and always without prejudice to the above the interpellant is contending that Article 315 of Cap 386 of the Laws of Malta as mentioned by you cannot be used against him and this because the company cited in your letter is not going through any winding up proceedings and this Article is not relevant to the present circumstances.

Thus and whilst the applicant reserves all his rights according to law, for the reasons above mentioned or which of them, it is difficult for you to proceed further against him as advised in your judicial letter to which this reply is being made.

So much so that you may be warned and know how to proceed and regulate yourself and avoid further costs.

Registry of the Superior Courts today, 12th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3096

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Ottubru, 2025 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3548/2025, fl-ismijiet L-Avukat Dott. Rita Mifsud noe vs Blt Operations Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' BLT Operations Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 4 ta' Awwissu, 2025

Lil Blt Operations Ltd (C93265) ta' Soho Office, Savoy Gardens, J Block, Rue D'Argens, il-Gżira.

Permezz tal-preżenti, l-Avukat Dott. Rita Mifsud (KI 0472696M) bħala mandatarju specjali tal-assenti John Philip Baraniak (Passaport Ingliz 125102901) ta' 104/132 Hotham St, St Kilda East, 3183, Victoria, l-Awstralja, tagħmel

By means of a decree of the 24th October, 2025 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3548/2025, in the names Advocate Dr Rita Mifsud noe vs Blt Operations Ltd , the following publication for the purpose of service on the respondent company Blt Opertations Ltd was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 4th August, 2025

To Blt Operations Ltd (C93265) of Soho Office, Savoy Gardens, J Block, Rue D'Argens, Gżira.

Through the present, Advocate Dr Rita Mifsud (ID 0472696M) as special mandatary of the absent John Philip Baraniak (English Passport 125102901) of 104/132 Hotham St, St Kilda East, 3183, Victoria, Australia, refers to the

referenza għall-inċident li seħħ nhar it-12 ta' Awwissu, 2023 fi Triq ix-Xatt ta' San Ġorġ, San Ġiljan, meta l-mittenti kien involut f'incident waqt li kien qiegħed isuq scooter mikri lilu mis-soċjetà intimata bin-numru ta' registrazjoni ECI345, liema incident seħħ kawża tal-fatt li l-iscooter provdut mis-soċjetà intimata ma kienx attrezzat b'sistema adegwata ta' brejkiet sabiex tassigura s-saħħa u l-ħarsien tal-utenti tal-iscooter u tipprevjeni inċident simili.

Bil-preżenti ittra uffiċjali qiegħda tigi interpellata sabiex tersaq għall-likwidazzjoni tad-danni materjali u fiżiċi kkagunati lill-mittenti kawża tal-imsemmi inċident u fin-nuqqas kunu avżati li sejrin jittieħdu proċeduri ulterjuri kontrik mingħajr ebda preavviż ieħor.

Illi din l-ittra ufficjali qiegħda tintbagħat ukoll ai termini tal-artikolu 2128 tal-Kap 16.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum, 12 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

accident which occurred on 12th August 2023 in Triq ix-Xatt ta 'San Gorg, St Julian's, when the interpellant was involved in an incident while driving a scooter leased to him by the respondent company with registration number ECI345, which accident occurred due to the fact that the scooter provided by the respondent society was not equipped with an adequate braking system to ensure the health and protection of the scooter users and prevent a similar accident.

With the present judicial letter you are being solicited to come forward for the liquidation of the material and physical damages caused to the interpellant due to the said incident and failing which you will be warned that further procedures will be taken against you without further notice.

That this judicial letter is being sent also in terms of Article 2128 of Cap 16.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Superior Courts today, 12th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3097

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Diċembru, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4914/2023, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Triva Shipping Company Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lil Triva Shipping Company Limited (C 39275) ta' 63C, Flat 1, Triq Birkirkara, San Ġiljan, STJ1301, fis-16 ta' Novembru, 2023, Bank of Valletta p.l.c. (C2833) ta' 1/5 Misraħ San Ġorg, il-Belt Valletta VLT 1190, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallas is-somma ta'€1,316,003.57 bilanċ għad-debitu fil-Business Loan u Overdraft Accounts tiegħek mal-Bank of Valletta plc, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-31 ta' Ottubru, 2023 sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija ser tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 12 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 3rd December, 2025 in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 4914/2023 in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Triva Shipping Company Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Triva Shipping Company Limited (C 39275) of 63C, Flat 1, Triq Birkirkara, San Ġiljan, STJ 1301, on the 16th November, 2023, Bank of Valletta p.l.c. (C2833) of 1/5, Misraħ San Ġorg, Valletta, VLT 1190, solicits you so that within two days you pay the amount of €1,316,003.57, balance of debt in your Business Loan and Overdraft Accounts with Bank of Valletta plc together with further interest from the 31st October, 2023 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Superior Courts today, 12th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603